25 ta' Frar, 1949.

Imhallfin :

Is-S.T.O. Sir G. Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *President.*

L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.

L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

George Mifsud Ellul et. *versus* Annetta Magro (*)

**Lokazzjoni — Board tal-Kera — Assunzjoni ta' l-Atti.**

*Għalkemm il-lokazzjoni toħloq rapporti personali bejn is-sid u l-kerrej, dana ma jfisserx illi jekk il-kerrej jinkorri f'xi sanzjoni komminata mill-liġi, is-sid jekk ma jkunx għadu dak stess li kien meta ġiet kommessa l-infrazzjoni, ma jistax jesperixxi kontra l-inkwilin dawk id-drittijiet li kellu l-awtur tiegħu.*

*Għaldaqstant, jekk fil-pendenza ta' kawża ta' lokatur kontra l-inkwilin għar-ripresa ta' pussess tal-fond minħabba infrazzjoni ta' l-obligi tiegħu, dak il-lokatur jittrasferixxi lil ħadd ieħor il-fond fil-kwistjoni, l-akkwirent jista' jkompli l-proċediment ġà mibdi mill-lokatur oriġinarju, billi sempliċement jassumi l-atti tal-kawża minflok l-awtur tiegħu.*

Il-Qorti — Rat ir-rikors quddiem il-Board li jirregola l-Kera, ta' George u Concetta Mifsud Ellul biex jerġgħu jieħdu taħt idejhom il-post nru. 36 u 37 St. Bartholomew Street, Qormi, mikri lil Annetta Magro u adibit prinċipalment, bħal ma kien fil-bidu, bħala ħanut, għax din issublokatu, jew parti minnu;

Rat in-nota ta' Giovanni Stivala, preżentata fit-3 ta' April 1948, li biha, peress li huwa xtara minn għand ir-rikorrenti Mifsud Ellul il-post fuq imsemmi, assuma l-attijiet tal-kawża għal kwalunkwe fini u effett tal-liġi, bejgħ li sar fis-26 ta' Frar 1948 fl-atti tan-Nutar John Spiteri Maempel;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dak il-Board fil-25 ta' Awissu 1948, li biha ġie dikjarat li l-assunzjoni ta' l-attijiet da parti ta' Giovanni Stivala hija valida u legali, u l-ġudizzju jista' jibqa' miexi bejn l-istess Stivala u l-intimata, u għalhekk ċaħad l-eċċezzjoni mogħtija mill-intimata fit-tielet lok

(*) Maqtugħa fil-meritu mill-Board tal-Kera fit-18 ta' Lulju, 1949.

fil-verbal tas-7 ta' April 1948 fis-sens ta' dak li ntqal fuq; u ġie ordnat li titkompla t-trattazzjoni tar-rikors fuq il-meritu; bl-ispejjeż *riżervati għall-ġudizzju finali fil-meritu*; wara li kkunsidra;

Li in vista ta' l-eċċezzjoni mogħtija mill-intimata fit-tielet lok fil-verbal tas-7 ta' April 1948 hemm bżonn li tiġi deċiża l-kwistjoni jekk dan il-proċediment, mibdi mir-rikorrenti Mifsud Ellul meta kienu għadhom proprjetarji tal-fond, jistax jitkompla minn Giovanni Stivala li fil-mori ta' dan il-ġudizzju akkwista l-istess *fond*;

Li huwa veru li l-lokazzjoni tikkrea bejn is-sid u l-kerrej rapporti personali; imma dan ma jfisserx illi jekk il-kerrej jinkorri f'xi sanzjoni komminata sija mill-liġi ordinarja u sija wkoll minn xi liġi speċjali li tirrestrinġi d-drittijiet tal-proprjetà bħalma hi l-liġi tal-kera, is-sid, anki jekk ma jkunx għadu dak li kien meta ġiet kommessa l-infrazzjoni tal-liġi, ma jistax jesperixxi l-istess *drittijet* li kellu l-awtur tiegħu. U jekk seta' jesperixxi dawk id-drittijiet, li jistgħu jkunu fondati jew le, ma jidherx li hemm raġunijiet għax ma għandux ikun jista' jkompli jsostni dawk id-drittijiet anki l-kumpratur li fil-mori tal-ġudizzju fuq dawk id-drittijiet ikun akkwista l-fond;

Li għalhekk Giovanni Stivala bħala akkwirent tal-fond għandu interess u jista' jkompli l-ġudizzju mibdi mill-awturi tiegħu, u konsegwentement l-assunzjoni ta' l-attijiet da parti tiegħu hija valida u legali. Lanqas ma jista' jingħad li l-intimata tinsab preġudikata b'dan il-kambjament fil-persuna tas-sid, għax ir-raġunijiet tagħha biex tikkumbatti t-talba bl-ebda mod ma huma mnaqqsin; *tant li*, indipendentement mill-persuna tas-sid, l-eċċezzjonijiet tagħha mogħtijin fil-verbal fuq imsemmi tas-7 ta' April 1948 ma huma xejn affettati, u l-eżitu tal-proċediment jiddependi biss mill-kwistjoni jekk hi, bl-aġir tagħha, inkorrietx fis-sanzjonijiet tal-liġi li jipprivawha mid-dritt li tkompli fit-tgawdija tal-fond;

Rat ir-rikors quddiem din il-Qorti ta' l-imsemmija Annetta Magro, li talbet *ir-revoka ta' dik id-deċiżjoni, billi tiġi* milqugħa l-eċċezzjoni tagħha, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra r-rikorrenti;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-kwistjoni maqtugħa bid-deċiżjoni li minnha hemm appell hija jekk il-proċediment mibdi mill-aħwa Mifsud Ellul jistax jitkompla mill-kumparent Giovanni Stivala, li minflok-hom assuma l-atti, billi fil-mori tal-ġudizzju akkwista minn għandhom il-fond imsemmi fir-rikors. Dik il-kwistjoni ġiet maqtugħa mill-Board f'sens affermattiv, u din il-Qorti hija ta' l-istess fehma, u tagħmel tagħha r-raġunijiet li fuqhom tinsab bażata s-sentenza appellata;

Għaldaqstant;

Tirrespingi l-appell u tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Board li jirregola l-Kera fil-2 ta' Awissu 1948, bl-ispejjeż kontra l-appellanti Annetta Magro.